KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fit-28 ta' Mejju 2020[1]

Kawża C-626/18

Ir-Repubblika tal-Polonja
vs
Il-Parlament Ewropew,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

"Rikors għal annullament — Direttiva (UE) 2018/957 — Direttiva 96/71/KE — Kollokament ta' ħaddiema fil-qafas ta' provvista ta' servizzi — Standards relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema — Bażi legali mhux adattata — Restrizzjonijiet diskriminatorji, mhux meħtieġa jew sproporzjonati — Ksur tal-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi — Remunerazzjoni tal-ħaddiema kkollokati — Ħaddiema kkollokati fit-tul — Ksur tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali — Trasport bit-triq"

1. Prinċipalment, ir-Repubblika tal-Polonja titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja, għall-annullament ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2018/957[2], li temenda d-Direttiva 96/71/KE[3] dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi. Sussidjarjament, hija titlob l-annullament tad-Direttiva 2018/957 fl-intier tagħha.

2. F'din l-istess data, ser nippreżenta l-konklużjonijiet tiegħi dwar ir-rikors *parallel* (C-620/18, L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill)[4] li l-Ungerija tippreżenta kontra l-istess direttiva, għal raġunijiet simili. Ser nerġa' nirreferi għall-kontenut tiegħu, jekk ikun neċessarju sabiex jiġu evitati repetizzjonijiet inutli, jew ser nittraskrivihom.

I. Il-kuntest ġuridiku

3. Nirreferi għad-deskrizzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi 2018/957 u 96/71 li tinsab fil-konklużjonijiet C-620/18.

1 Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU 2018, L 173, p. 16, u r-rettifika fil-ĠU 2019, L 91, p. 77; iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2018/957").

3 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 5, Vol. 2, p. 431; u r-rettifika fil-ĠU 2015, L 16, p. 66, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 96/71").

4 Iktar 'il quddiem il-"konklużjonijiet C-620/18".

II. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

4. Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara l-invalidità tal-punt 2(a) u (b) tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2018/957. Barra minn hekk, huwa ta' interess li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

5. Sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssib li dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2018/957 ma jistgħux jiġu sseparati, mingħajr ma tinbidel is-sustanza tagħhom, mill-kumplament ta' dawk li jinsabu fiha, ir-Repubblika tal-Polonja titlob l-annullament tad-Direttiva 2018/957 fl-intier tagħha.

6. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikors u tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

7. Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u l-Kummissjoni tħallew jintervjenu fil-proċedura, insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill. Il-gvernijiet kollha ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub minbarra l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi li aderixxa lilu nnifsu mal-argumenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

8. Waqt is-seduta li saret fit-3 ta' Marzu 2020 flimkien ma' dik tal-Kawża C-620/18, ipparteċipaw il-Kunsill, il-Parlament, il-Kummissjoni kif ukoll il-Gvern Pollakk, Franċiż, Ġermaniż, Svediż u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi.

III. Ammissibbiltà tar-rikors

9. Il-Parlament Ewropew iqis li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2018/957 prinċipalment ikkontestati mir-Repubblika tal-Polonja ma jistgħux jiġu sseparati mill-kumplament ta' din id-direttiva. Konsegwentement, l-annullament parzjali mitlub ma jkunx fattibbli.

10. Madankollu, peress li r-Repubblika tal-Polonja sussidjarjament talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla din id-direttiva fl-intier tagħha, il-Parlament Ewropew iqis li r-rikors huwa ammissibbli.

11. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-annullament parzjali ta' att tal-Unjoni huwa possibbli biss jekk l-elementi li jirreferi għalihom ikunu jistgħu jiġu sseparati mill-kumplament tal-att. Dan ir-rekwiżit ma jiġix issodisfatt meta l-annullament parzjali jkollu l-effett li jbiddel is-sustanza ta' dan l-att. Il-verifika ta' jekk ċerti elementi jistgħux jiġu sseparati teħtieġ li tiġi eżaminata l-portata tagħhom sabiex jiġi evalwat jekk l-invalidazzjoni tagħhom tbiddilx l-ispirtu u s-sustanza tal-imsemmi att[5].

12. Fil-fehma tiegħi, ir-Repubblika tal-Polonja tikkontesta żewġ dispożizzjonijiet li jistgħu jitqiesu bħala ewlenin fid-Direttiva 2018/957, kemm minħabba l-portata kif ukoll minħabba l-għan tagħhom.

13. L-invalidità li ġiet proposta prinċipalment tkun taffettwa, fil-fatt, żewġ miżuri ewlenin tar-regolament il-ġdid: a) is-sostituzzjoni tal-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" b'dak ta' "remunerazzjoni"; u b) l-iskema tal-ħaddiema kkollokati fit-tul.

5 Sentenzi tad-29 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs L-Estonja (C-505/09 P, EU:C:2012:179, punt 112); tat-12 ta' Novembru 2015, Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-121/14, EU:C:2015:749, punti 20 u 21); u tad-9 ta' Novembru 2017, SolarWorld vs Il-Kunsill (C-204/16 P, EU:C:2017:838, punti 36 u 37).

14. Dawn iż-żewġ regoli ġodda huma, preċiżament, l-emendi prinċipali li huma introdotti fid-Direttiva 96/71 mid-Direttiva 2018/957. It-tnejn li huma għandhom l-għan li jibdlu l-bilanċ tal-interessi previsti fid-Direttiva 96/71 sabiex tingħata protezzjoni ikbar lill-ħaddiema kkollokati fil-qafas tal-provvista transnazzjonali ta' servizzi. L-annullament tagħhom b'mod iżolat ikun iwassal għal tibdil fis-sustanza tad-Direttiva 2018/957.

15. Madankollu, kif jirrikonoxxi l-Parlament Ewropew, ir-rikors huwa ammissibbli, għaliex jinkludi t-talba sussidjarja għall-annullament tad-Direttiva 2018/957 fl-intier tagħha.

IV. Kunsiderazzjonijiet preliminari

16. Ser nipproċedi għall-analiżi tar-raġunijiet għal invalidità billi nibda bit-tieni waħda, li jidhirli li hija iktar koerenti mill-perspettiva sistematika.

17. Fir-rigward tal-eżami tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam, tal-proċess ta' armonizzazzjoni tad-direttivi li jikkonċernaw il-ħaddiema kkollokati fil-kuntest tal-provvista transnazzjonali ta' servizzi u, b'mod ġenerali, tal-evoluzzjoni tas-sistema legali tal-Unjoni dwar l-iskema ta' dawn il-ħaddiema, nirreferi għall-konklużjonijiet C-620/18 [6].

V. It-tieni motiv: għażla inkorretta tal-bażi legali tad-Direttiva 2018/957

A. Argumenti

18. Il-Gvern Pollakk jiċħad l-użu tal-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE bħala bażi legali tad-Direttiva 2018/957, minħabba li din, kuntrarjament għad-Direttiva 96/71, toħloq restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi minn impriżi li jikkollokaw il-ħaddiema.

19. F'dan ir-rigward, hija ssostni li:

- L-għan prinċipali tad-Direttiva 2018/957 huwa li tipproteġi lill-ħaddiema kkollokati u, għaldaqstant, il-bażi legali tagħha għandha tkun id-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-politika soċjali (anki jekk il-Gvern Pollakk ma jispeċifikahomx).

- Il-punt 2(a) u (b) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2018/957 ma għandux l-għan li jiffaċilita l-eżerċizzju ta' attività professjonali minn persuna li taħdem għal rasha (il-provvista ta' servizzi transkonfinali), iżda minflok jimminah. Is-sostituzzjoni tal-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" b'dak ta' "remunerazzjoni" u l-iskema l-ġdida tal-ħaddiema kkollokati fit-tul jirriżultaw f'restrizzjonijiet mhux iġġustifikati u sproporzjonati għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Minħabba f'hekk, ikun kontradittorju li wieħed jirrikorri għall-bażi legali applikabbli għall-armonizzazzjoni ta' din il-libertà ta' moviment.

20. Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Gvern Ġermaniż, Franċiż u Svediż iqisu li l-bażi legali tad-Direttiva 2018/957 (Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE) hija dik korretta.

6 Punti 17 sa 51.

B. Evalwazzjoni

21. Sabiex jiġu evitati repetizzjonijiet, nirreferi għall-konklużjonijiet C-620/18, fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-bażijiet legali tal-atti tal-Unjoni [7], kif ukoll għall-analiżi tal-għanijiet, tal-kontenut u tal-kuntest tad-Direttiva 2018/957 [8].

22. Wara li ssir din l-analiżi, ma narax għalfejn għandu jiġi kkunsidrat li l-bażi legali tad-Direttiva 2018/957 (Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE) hija żbaljata.

23. Id-Direttiva 2018/957 twettaq emenda importanti iżda limitata tad-Direttiva 96/71. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, att li jemenda ieħor preċedenti normalment ikollu l-istess bażi legali [9], fatt li jidhirli li huwa loġiku. Għalhekk, l-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE jistgħu jikkostitwixxu l-bażi legali xierqa għad-Direttiva 2018/957, bħalma kienu preċedentement għad-Direttiva 96/71 li qiegħda tiġi emendata permezz tagħhom.

24. Id-Direttiva 2018/957 tadatta s-soluzzjoni leġiżlattiva mogħtija mid-Direttiva 96/71 għall-fenomenu tal-kollokament (li qiegħed jiżdied) transnazzjonali tal-ħaddiema, sabiex tiffaċilita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-impriżi li jirrikorru għal dan il-metodu ta' mobilizzazzjoni tal-element ta' xogħol.

25. Dan l-adattament kien neċessarju minħabba l-evoluzzjoni tas-swieq tax-xogħol tal-Unjoni u kien imfassal għal protezzjoni ikbar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkollokati. Jista' jkun li, f'ċerti każijiet, ikun hemm tnaqqis korrelattiv tal-kompetittività tal-impriżi sabiex jiġu pprovduti servizzi fi Stati Membri oħra bl-użu ta' dan il-mezz, iżda din hija l-għażla (leġittima) mixtieqa mil-leġiżlatur Ewropew.

26. Meta jadotta regola ta' armonizzazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att għal kull bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kull evoluzzjoni tal-konjizzjonijiet, peress li huwa għandu l-obbligu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat [10].

27. Dan huwa preċiżament dak li ġara bl-approvazzjoni tad-Direttiva 2018/957. Il-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa tibdiliet fid-Direttiva 96/17 sabiex jadatta l-bilanċ tal-interessi rifless fiha għas-sitwazzjoni l-ġdida ġġenerata mill-moviment transnazzjonali ta' ħaddiema. L-interessi li qegħdin jikkompetu jibqgħu l-istess, iżda l-punt ewlieni u l-punt ta' bilanċ bejniethom xaqilbu lejn protezzjoni ikbar tad-drittijiet tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema. Dan l-ibbilanċjar mill-ġdid ma jiġġustifikax il-bidla tal-bażi legali fir-rigward tad-Direttiva 96/71.

28. Fl-aħħar nett, infakkar li r-Repubblika tal-Polonja ssostni (permezz ta' argumenti limitati) li d-Direttiva 2018/957 kellha tkun sostnuta fuq il-bażijiet legali tal-politika soċjali, b'mod partikolari fuq l-Artikolu 153 TFUE. Għar-raġunijiet li esponejt fil-konklużjonijiet C-620/18 [11], lanqas ma naqbel ma' dan l-argument.

7 Punti 58 u 59.

8 Punti 60 sa 72.

9 Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-482/17, EU:C:2019:1035, punt 42).

10 *Ibidem*, punti 38 u 39. Fl-istess sens, is-sentenzi tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone *et* (C-58/08, EU:C:2010:321, punt 34); kif ukoll tal-10 ta' Diċembru 2002, British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco (C-491/01, EU:C:2002:741, punt 77).

11 Punti 80 sa 85.

VI. L-ewwel motiv: ksur tal-Artikolu 56 TFUE minħabba r-restrizzjonijiet fuq il-kollokament ta' ħaddiema imposti mid-Direttiva 2018/957

29. Il-Gvern Pollakk isostni li d-Direttiva 2018/957 toħloq restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fi ħdan l-Unjoni li jmorru kontra l-Artikolu 56 TFUE. B'mod partikolari, dawn ir-restrizzjonijiet joriġinaw minn żewġ elementi ġodda li din id-direttiva tintroduċi fid-Direttiva 96/71, billi timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw lill-ħaddiema kkollokati:

- ir-remunerazzjoni (anki dik li tikkorrispondi għaż-żieda għas-sahra) skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattiki tal-Istat Membru ta' destinazzjoni tal-kollokament (il-punt 2(a) tal-Artikolu 1);

- il-kundizzjonijiet tax-xogħol kollha konformi mal-leġiżlazzjoni jew mal-prattika tal-Istat Membru ta' destinazzjoni, meta t-tul effettiv tal-kollokament ta' ħaddiem jew it-tul kumulattiv tal-kollokament tal-ħaddiema li jissostitwixxu ħaddiema oħra fit-twettiq tal-istess xogħol jaqbeż it-12-il xahar jew it-18-il xahar jekk tiġi ppreżentata notifika mmotivata (il-punt 2(b) tal-Artikolu 1).

30. Konformement ma' dan l-approċċ, il-Gvern Pollakk jaqsam l-ewwel motiv f'żewġ partijiet. Ser nanalizzahom wara li nagħmel kunsiderazzjoni preliminari tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-direttivi ta' armonizzazzjoni fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

A. Kunsiderazzjoni preliminari: l-istħarriġ ġudizzjarju tad-Direttiva 2018/957

31. Ir-Repubblika tal-Polonja tittratta r-regoli li d-Direttiva 2018/957 timponi fuq il-kollokament tal-ħaddiema (fil-kuntest tal-provvista transnazzjonali ta' servizzi) bl-istess parametri bħal dawk użati mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistħarreġ il-miżuri *nazzjonali* li jirrestringu dan it-tip ta' relazzjonijiet ġuridiċi.

32. Nirreferi għall-istudju li sar fil-konklużjonijiet tiegħi C-620/18 dwar din il-ġurisprudenza, relatat mal-istħarriġ tal-kompatibbiltà tad-direttivi ta' armonizzazzjoni mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi billi jiġi applikat il-prinċipju ta' proporzjonalità [12].

33. Dan l-istudju jwassalni sabiex nikkonferma li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar miżuri *nazzjonali* li jillimitaw il-kollokamenti tal-ħaddiema fil-kuntest tal-provvista transnazzjonali ta' servizzi ma tistax tiġi trasposta, mingħajr ebda dubju, għall-eżami tal-kompatibbiltà ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tarmonizza dan il-fenomenu (bħad-Direttiva 2018/957), mal-Artikolu 56 TFUE.

34. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Pollakk, direttiva ta' armonizzazzjoni tista' toħloq restrizzjonijiet għall-moviment liberu tas-servizzi li, jekk jiġu adottati minn Stat Membru wieħed biss, imorru kontra l-Artikolu 56 TFUE.

35. Fil-fatt, kull miżura ta' armonizzazzjoni li tipproteġi interess soċjali fundamentali, bħad-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati, tirrendi b'xi mod diffiċli l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-impriżi li jużawhom. Madankollu din ir-restrizzjoni għandha impatt ħafna inqas importanti fuq is-suq intern minn miżura nazzjonali ekwivalenti, peress li l-ewwel waħda hija implimentata fit-territorju kollu tal-Unjoni. L-eżistenza u l-effetti restrittivi tagħha jistgħu jisparixxu biss fil-każ ta' ekwivalenza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol bejn l-Istati Membri kollha, li fir-rigward tagħhom l-Unjoni ma hijiex kompetenti.

12 Punti 105 sa 110.

36. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tiegħu dwar l-istħarriġ tal-proporzjonalità tar-regoli ta' armonizzazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'qasam daqstant kumpless bħal dak tal-kollokamenti transnazzjonali ta' ħaddiema. Il-kwistjoni li tqum hija dik dwar jekk huwa għamilx użu *manifestament* mhux xieraq minn din is-setgħa meta biddel il-bilanċ tal-interessi li għalih kien wasal fid-Direttiva 96/71, billi introduċa l-bidliet li tinkludi d-Direttiva 2018/957.

B. L-ewwel parti tal-ewwel motiv: remunerazzjoni tal-ħaddiema kkollokati

1. Argumenti

37. L-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Direttiva 96/71 jissostitwixxi r-"rati minimi ta' ħlas" bir-"remunerazzjoni", bħala kundizzjoni tax-xogħol tal-Istat ospitanti li għandu japplika għall-ħaddiema kkollokati.

38. Il-Gvern Pollakk jikkunsidra li bis-saħħa ta' din ir-regola l-ġdida l-impriżi li jikkollokaw il-ħaddiema għandhom iħallsuhom l-istess remunerazzjoni bħal dik li jirċievu l-ħaddiema lokali. Għaldaqstant il-prinċipju ta' paga ndaqs jissostitwixxi l-obbligu li jitħallas is-salarju minimu.

39. Skont dan il-Gvern dan l-obbligu jillimita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi ta' impriżi li jikkollokaw ħaddiema għal dan il-għan. Dawn tal-aħħar huma suġġetti għal piż addizzjonali li jelimina l-vantaġġ kompetittiv marbut mal-eżistenza ta' remunerazzjoni iktar baxxa fl-Istat fejn jinsabu. Din hija diskriminazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE, li tista' tiġi ġġustifikata biss mill-motivi tal-Artikolu 52 TFUE.

40. Il-Gvern Pollakk isostni, barra minn hekk, li, anki li kieku ma kinux diskriminatorji, dawn ir-restrizzjonijiet jostakolaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi mingħajr ma jiġu pprovduti raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, għaliex:

- Huwa ma jibbażax ruħu fuq l-insuffiċjenza tal-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" sabiex jippreżerva b'mod xieraq id-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati u jżomm kompetizzjoni leali bejn l-impriżi lokali u dawk li jikkollokaw ħaddiema.

- L-argument ibbażat fuq id-differenzi kbar bejn is-salarju minimu ta' ċerti Stati Membri u dik ta' Stati oħra lanqas ma jista' jiġi validament iġġustifikat.

- Fl-aħħar nett, huwa jikkunsidra li l-użu tal-kunċett ta' "remunerazzjoni" jimponi l-ħlas ta' kontribuzzjonijiet li l-ħlas tagħhom ma huwiex iġġustifikat fil-każ ta' ħaddiema kkollokati.

41. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Gvernijiet intervenjenti jqisu li l-ewwel parti ta' dan il-motiv għal annullament hija infondata.

2. Evalwazzjoni

a) Diskriminazzjoni kontra l-impriżi b'ħaddiema kkollokati

42. Għall-Gvern Pollakk, is-sostituzzjoni tar-"rati minimi ta' ħlas" b'"remunerazzjoni", imwettqa mid-Direttiva 2018/957, tiddiskrimina bejn il-fornituri ta' servizzi transkonfinali li jikkollokaw il-ħaddiema, fit-termini msemmija iktar 'il fuq.

43. Dawn il-fornituri ta' servizzi jkunu suġġetti għal piż doppju (osservanza tar-regoli tal-Istat ta' oriġini u dawk tal-Istat ospitanti), u għandhom, barra minn hekk, iħallsu spejjeż addizzjonali, pereżempju, it-traduzzjoni ta' dokumenti jew dawk li jirriżultaw mill-pussess ta' rappreżentant fl-Istat ta' destinazzjoni. Peress li l-impriżi lokali jinsabu f'pożizzjoni differenti minn dawk li jikkollokaw ħaddiema, l-impożizzjoni ta' trattament ugwali fir-remunerazzjoni twassal għal diskriminazzjoni.

44. Naħseb li dan ir-raġunament huwa bbażat fuq interpretazzjoni inadegwata tad-Direttiva 2018/957.

45. L-ewwel nett, ir-remunerazzjoni hija waħda mill-kundizzjonijiet tax-xogħol elenkati b'mod restrittiv fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Direttiva 96/71. Huwa minnu li l-applikazzjoni tiegħu għall-ħaddiema kkollokati hija obbligatorja u li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli imperattivi ta' protezzjoni minima [13]. Madankollu, dan ma jimplikax ugwaljanza sħiħa fit-trattament tal-ħaddiema kkollokati u dawk lokali: il-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-tassazzjoni applikabbli għall-ħaddiema kkollokati ma humiex koperti mid-Direttiva 96/71 u huma rregolati mir-regoli tal-Istat ta' oriġini. Din iċ-ċirkustanza twassal għal differenzi bejn ir-remunerazzjoni effettiva li jirċievu l-ħaddiema kkollokati u dawk lokali.

46. It-tieni nett, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Direttiva 96/71, il-kunċett ta' remunerazzjoni huwa marbut biss mal-elementi obbligatorji tagħha [14]. Għaldaqstant, id-dmir li ħaddiema jitħallsu b'intestaturi oħra mhux obbligatorji skont id-dritt nazzjonali ma huwiex estiż għall-ħaddiema kkollokati. Għalhekk, id-Direttiva 2018/957 ma timponix remunerazzjoni *identika*, meqjusa kollha kemm hi, bejn il-ħaddiem lokali u l-ħaddiem ikkollokat.

47. Kif ġie ddikjarat fl-analiżi tal-impatt imnedija mill-Kummissjoni fid-dawl tal-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957, l-għażla ta' ugwaljanza sħiħa fit-trattament bejn il-ħaddiema lokali u l-ħaddiema kkollokati ġiet espressament imwarrba [15].

48. Billi l-introduzzjoni tal-kunċett ta' "remunerazzjoni" minflok dik preċedenti ta' "rati minima ta' ħlas" ma hijiex diskriminatorja, din lanqas ma hija, kuntrarjament għal dak li qiegħed isostni l-Gvern Pollakk, ibbażata fuq il-motivi tal-Artikolu 52 TFUE (ordni pubblika, sigurtà pubblika u saħħa pubblika.).

b) Ġustifikazzjoni tar-restrizzjonijiet mhux diskriminatorji f'rekwiżiti imperattivi ta' interess ġenerali

49. Il-Gvern Pollakk isostni, kif diġà indikajt, li, anki jekk id-Direttiva 2018/957 ma introduċietx miżuri diskriminatorji, ir-restrizzjonijiet li hija toħloq għall-kollokament tal-ħaddiema, billi tuża l-kunċett il-ġdid ta' remunerazzjoni, ma huma ġġustifikati minn ebda rekwiżit imperattiv ta' interess ġenerali.

50. L-argument tal-Gvern Pollakk f'dan ir-rigward huwa bbażat fuq premessa li jiena ma nikkondividix. Kif diġà indikajt, l-istħarriġ ġudizzjarju ta' *miżura ta' armonizzazzjoni*, bħad-Direttiva 2018/957, ma jistax jiġi eżerċitat b'applikazzjoni tal-parametri żviluppati mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-*miżuri nazzjonali* li jirrestringu l-kollokament tal-ħaddiema u l-ġustifikazzjoni eventwali tagħhom fuq rekwiżiti imperattivi ta' interess ġenerali.

13 Ara l-premessa 13 tad-Direttiva 96/71 u s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, Laval un Partneri (C-341/05, EU:C:2007:809, punti 74 sa 81).

14 "[I]l-kunċett ta' remunerazzjoni għandu jiġi ddeterminat mil-liġi u/jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat il-ħaddiem u jfisser l-elementi kostitwenti kollha tar-remunerazzjoni magħmula *obbligatorji* permezz ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, ftehimiet kollettivi jew sentenza ta' arbitraġġ nazzjonali li, f'dak l-Istat Membru, tkun ġiet iddikjarata universalment applikabbli jew tapplika mod ieħor f'konformità mal-paragrafu 8". Mingħajr korsiv fl-oriġinal.

15 Dokument SWD(2016) 52 final, tat-8 ta' Marzu 2016, p. 27.

51. L-istħarriġ tad-direttivi ta' armonizzazzjoni (fosthom id-Direttiva 2018/957) fir-rigward tad-dritt oriġinali, f'dan il-każ l-Artikolu 56 TFUE, għandu jsir konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li inkludejt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-620/18 [16].

52. Lardarba saret din il-kjarifika, ser nanalizza l-motivi mressqa mill-Gvern Pollakk sabiex nikkunsidra li ma hemmx lok li l-kunċett ta' rati minimi ta' ħlas jiġi ssostitwit b'dak ta' remunerazzjoni. Essenzjalment, dawn huma:

- il-kunċett ta' salarju minimu tad-Direttiva 96/71 jipproteġi b'mod xieraq id-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati;

- id-differenzi bejn is-salarju minimu tal-Istati Membri u Stati oħrajn huma ġġustifikati;

- l-użu tal-kunċett ta' "remunerazzjoni" jitlob il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet li l-ħlas tagħhom ma huwiex iġġustifikat fil-każ ta' ħaddiema kkollokati.

53. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Pollakk, l-użu tat-terminu "rati minimi ta' ħlas" fid-Direttiva 96/71 ma kienx xieraq sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati u l-kompetizzjoni leali bejn l-impriżi lokali u dawk ta' Stati Membri oħra li jikkollokaw ħaddiema. Dan kien ir-raġunament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jiena naqbel magħhom.

54. L-ewwel nett, l-interpretazzjoni tat-terminu "rati minimi ta' ħlas" qajmet diffikultajiet prattiċi [17], kif turi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, is-sentenza tagħha Sähköalojen ammattiliitto [18], li fiha tingħata interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' salarju minimu tad-Direttiva 96/71, li influwenzat ir-riforma tad-Direttiva 2018/957 [19].

55. Il-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni dawn id-diffikultajiet ermenewtiċi, kif ukoll l-interpretazzjoni wiesgħa proposta mill-Qorti tal-Ġustizzja, billi adotta d-Direttiva 2018/957 u inkluda l-kunċett ta' remunerazzjoni fl-Artikolu 3(1) u (7) tad-Direttiva 96/71.

16 Punti 144 u 145.

17 Waqt is-seduta l-Gvern Franċiż insista fuq dawn id-diffikultajiet prattiċi, billi indika li fi Franza ssir distinzjoni bejn is-salarju minimu (SMIC) u r-"rati minimi ta' ħlas" tad-Direttiva 96/71. Dawn tal-aħħar jinkludu, flimkien mas-salarju minimu, bonus għax-xogħol billejl u bonus għall-perikolu, li għandhom jitħallsu wkoll lill-ħaddiema kkollokati.

18 Sentenza tat-12 ta' Frar 2015, Sähköalojen ammattiliitto (C-396/13, EU:C:2015:86) (iktar 'il quddiem is-sentenza "Sähköalojen ammattiliitto").

19 Sentenza Sähköalojen ammattiliitto, punti 38 sa 70, li jipprovdu li r-"rati minimi ta' ħlas" jinkludu:
- Il-possibbiltà li s-salarju mínimu jiġi kkalkolat kull siegħa jew għal kull biċċa xogħol, ibbażat fuq il-klassifikazzjoni tal-ħaddiema fi gruppi ta' remunerazzjoni, kif previst mill-ftehimiet kollettivi rilevanti tal-Istat Membru ospitanti, sakemm dan il-kalkolu u din il-klassifikazzjoni jsiru skont regoli vinkolanti u trasparenti, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.
- Allowance ta' kuljum, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li hija suġġetta għalihom l-inklużjoni ta' din l-allowance fis-salarju mħallas lill-ħaddiema waqt kollokament fl-Istat Membru ospitanti.
- Allowance għat-traġitt ta' kuljum, imħallsa lill-ħaddiema bil-kundizzjoni li t-tul tal-vjaġġ bir-ritorn ta' kuljum imwettaq minnhom ikun ta' iktar minn siegħa.
- Il-bonus ta' vaganzi li għandu jingħata lill-ħaddiem ikkollokat għall-perijodu minimu tal-leave annwali mħallas.

56. It-tieni nett, l-istabbiliment tar-rati minimi ta' ħlas skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 huwa l-kompitu tal-leġiżlazzjoni jew tal-prattiki nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti [20]. Il-metodu ta' kalkolu ta' dawn ir-rati u l-kriterji magħżula f'dan ir-rigward huma wkoll ir-responsabbiltà ta' dan l-Istat Membru [21]. Il-leġiżlazzjonijiet jew il-prattiki nazzjonali għall-kalkolu tas-salarju minimu huma eteroġenji ħafna (u mhux dejjem trasparenti) fl-Istati Membri tal-Unjoni, liema fatt jagħmel diffiċli l-kollokament tal-ħaddiema taħt kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u paragunabbli ma' dawk tal-ħaddiema lokali [22].

57. It-tielet nett, ġiet identifikata prattika inadegwata mill-impriżi li, billi jikkollokaw il-ħaddiema tagħhom, jista' jkollhom it-tendenza li jħallsuhom is-salarju minimu, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, il-funzjonijiet tagħhom, il-kwalifiki professjonali tagħhom u l-anzjanità tagħhom, li twassal għal differenza fir-remunerazzjoni meta mqabbla mal-ħaddiema lokali li jinsabu f'sitwazzjoni simili [23].

58. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni reġgħet tenniet dak li kien diġà kkonstatat fl-analiżi tal-impatt tagħha: li l-identifikazzjoni tar-"rati minimi ta' ħlas" tad-Direttiva 96/71 bis-salarju minimu legalment iffissat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat ospitanti kienet, fil-prattika, ħolqot distakk fis-salarju bejn il-ħaddiema lokali u l-ħaddiema kkollokati, b'mod partikolari f'setturi bħalma hija l-kostruzzjoni [24].

59. Sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni studjat is-soluzzjonijiet possibbli u l-konsegwenzi ekonomiċi tagħhom. Hija għażlet dik li hija qieset l-iktar xierqa, jiġifieri li twettaq riforma limitata tad-Direttiva 96/71, li seħħet permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957, billi eskludiet il-pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni interpretattiva jew in-nuqqas ta' emenda tad-Direttiva 96/71 [25].

60. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' sabiex ibiddlu regola, fost każijiet oħra, meta l-applikazzjoni tagħha tkun żvelat li jkun sar tibdil fil-qasam irregolat jew li kien hemm xi żbilanċi fl-implimentazzjoni tagħha. F'dan il-każ, l-issodisfar ta' dawn iż-żewġ premessi, li huma suffiċjenti sabiex tiġi ġġustifikata l-ħtieġa li jiġi ssostitwit il-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" b'dak ta' "remunerazzjoni", ġie debitament ipprovat.

61. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jista' jiġi dedott li l-leġiżlatur tal-Unjoni kkonforma ruħu mar-rekwiżiti tal-prinċipju ta' proporzjonalità, mingħajr ma eċċeda *manifestament* is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu f'qasam tekniku u kumpless bħal dan, meta għażel miżura (l-introduzzjoni tal-kunċett ta' remunerazzjoni) xierqa għat-twettiq tal-għanijiet li jridu jintlaħqu. Din il-miżura tiffaċilita, min-naħa tagħha, l-aħjar protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati u l-garanzija ta' diversi kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni bejn l-impriżi lokali u dawk li jikkollokaw il-ħaddiema tagħhom.

20 "[I]l-kompitu sabiex jiddefinixxi liema huma l-elementi li jikkostitwixxu l-kunċett ta' salarju minimu, għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva, jaqa' taħt id-dritt tal-Istat Membru tal-kollokazzjoni, sakemm din id-definizzjoni, kif din tirriżulta mil-leġiżlazzjoni jew mill-ftehimiet kollettivi nazzjonali rilevanti jew mill-interpretazzjoni li tingħata lilhom mill-qrati nazzjonali, ma jkollhiex l-effett li tostakola l-libertà li jiġu pprovduti servizzi bejn l-Istati Membri". Sentenzi Sähköalojen ammattiliitto, punt 34; u tas-7 ta' Novembru 2013, Isbir (C-522/12, EU:C:2013:711, punt 37).

21 Sentenza Sähköalojen ammattiliitto, punt 39.

22 Ara Fondazione Giacomo Brodolini (FGB), *Study on wage setting systems and minimum rates of pay applicable to posted workers in accordance with Directive 97/71/EC in a selected number of Member States and sectors*, Final report, November 2015; Schiek, Oliver, Forde, Alberti, *EU Social and Labour Rights and EU Internal Market Law*, Study for the EMPL Committee, European Parliament, September 2015 (http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/563457/IPOL_STU%282015%29563457_EN.pdf);

23 Dokument SWD(2016) 52 final, tat-8 ta' Marzu 2016, p. 10 u 11.

24 Dokument SWD(2016) 52 final, tat-8 ta' Marzu 2016, p. 11 sa 14.

25 Dokument SWD(2016) 52 final, tat-8 ta' Marzu 2016, p. 23 *et seq*.

62. Għall-Gvern Pollakk, l-eżistenza ta' differenzi kbar bejn is-salarju minimu fid-diversi Stati Membri lanqas ma hija ġustifikazzjoni valida. Jekk tali ġustifikazzjoni tiġi aċċettata, dan ikun ifisser l-eliminazzjoni ta' vantaġġ kompetittiv tal-pajjiżi tal-Unjoni b'salarji iktar baxxi u jiġi injorat il-fatt li l-ħaddiem ikkollokat jibqa' marbut mal-Istat ta' oriġini tiegħu [26].

63. Id-differenzi fir-remunerazzjoni tal-ħaddiema bejn Stati Membri u Stati oħrajn joriġinaw mill-iffissar tas-salarji, li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri u tal-imsieħba soċjali. L-eċċezzjoni tal-Artikolu 153(5) TFUE tikkorrobora dan il-fatt, meta teskludi r-remunerazzjonijiet tax-xogħol mill-kompetenza ta' armonizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

64. Għal dan il-għan, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Direttiva 96/71 jorbot "il-kunċett ta' remunerazzjoni" mal-leġiżlazzjoni jew mal-prattikia nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-ħaddiem ikun ikkollokat, fit-termini traskritti iktar 'il fuq [27].

65. Id-diverġenzi bejn ir-regoli applikabbli għar-remunerazzjonijiet tal-ħaddiema kkollokati huma, għaldaqstant, inevitabbli sakemm l-Unjoni jkollha kompetenza ta' armonizzazzjoni fir-rigward tagħhom. L-istess kien japplika, kif diġà esponejt, għall-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" użat fil-verżjoni inizjali tad-Direttiva 96/71.

66. F'din iċ-ċirkustanza, id-Direttiva 2018/957 tiċċara dak li għandhom jitħallsu l-ħaddiema kkollokati: il-kunċett ta' remunerazzjoni jopera bħala regola ta' kunflitt, li permezz tagħha l-elementi ta' remunerazzjoni li huma obbligatorji għall-ħaddiema lokali huma ggarantiti għall-ħaddiem ikkollokat fl-Istat ospitanti.

67. Din l-għażla leġiżlattiva tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità u dak tal-Artikolu 56 TFUE. Hija ma timponix, kif isostni l-Gvern Pollakk, li l-ħaddiem ikkollokat għandu jirċievi s-salarju minimu fl-Istat ospitanti, minħabba li ħajtu (u l-ekonomija domestika tiegħu) tibqa' fundamentalment marbuta mal-Istat ta' oriġini tiegħu.

68. Id-Direttiva 2018/957 ma tneħħix l-inugwaljanzi salarjali bejn l-Istati Membri. Il-ħaddiema kkollokati jistgħu jirċievu remunerazzjonijiet differenti minn dawk li jirċievu l-ħaddiema lokali (ħlief fir-rigward tal-elementi obbligatorji tagħhom) u l-impriża li timpjegahom tista', jekk ikun il-każ, iġġorr inqas spejjeż ta' tassazzjoni u ta' sigurtà soċjali. Dak li għamel il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa li jtejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati meta mqabbla mas-sitwazzjoni inizjali tad-Direttiva 96/71.

69. Il-Gvern Pollakk jikkunsidra wkoll li l-kunċett ta' remunerazzjoni introdott mid-Direttiva 2018/957 ma huwiex iġġustifikat minħabba li dan jobbliga lill-persuna li timpjega tħallas allowances sproporzjonati lill-ħaddiema kkollokati tagħha peress li dawn għandhom jinkludu kontribuzzjonijiet li dawn tal-aħħar ma jistgħux jibbenefikaw minnhom.

70. Kif diġà indikajt, il-formulazzjoni l-ġdida tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 testendi għall-ħaddiema kkollokati biss l-elementi *obbligatorji* tar-remunerazzjoni tal-ħaddiema lokali. Il-kontribuzzjonijiet soċjali l-oħra mħallsa mill-persuni li jimpjegaw lokali favur l-impjegati tagħhom ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni jew jitħallsu mill-persuna li timpjega li tikkolloka l-ħaddiema. Dawn il-kontribuzzjonijiet soċjali addizzjonali għandhom jitħallsu, jekk ikun il-każ, lill-ħaddiema kkollokati skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' oriġini.

26 L-invokazzjoni tas-sentenza tat-18 ta' Settembru 2014, Bundesdruckerei (C-549/13, EU:C:2014:2235), ma hijiex xierqa, għaliex tikkonċerna każ ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi mingħajr il-kollokament ta' ħaddiema.

27 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 14. Fl-istess sens, il-premessa 17 tad-Direttiva 2018/957 tfakkar li l-iffissar tar-regoli dwar ir-remunerazzjoni jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, li jimplimentawha skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika nazzjonali.

71. Ir-riferiment għall-premessa 18 tad-Direttiva 2018/957 għall-ammont gross tar-remunerazzjoni ma huwiex intiż sabiex jinkludi fiha l-kontribuzzjonijiet soċjali li ma jifformawx parti mill-elementi ta' remunerazzjoni obbligatorji tal-Istat ospitanti. Huwa intiż sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-allowances kollha mħallsa mill-persuna li timpjega lill-ħaddiem ikkollokat sabiex dan l-ammont jiġi pparagunat mar-remunerazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ospitanti [28].

3. Risposta globali għall-ewwel parti tal-ewwel motiv

72. Essenzjalment, ma narax li l-għażla leġiżlattiva li jiġi ssostitwit il-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" b'dak ta' "remunerazzjoni" hija inġustifikata jew sproporzjonata meta mqabbla mal-għan ta' protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati. Huwa minnu li hija tista' tnaqqas, iżda ma teliminax, il-vantaġġi kompetittivi tal-impriżi ta' pajjiżi tal-Unjoni li għandhom spejjeż tax-xogħol iktar baxxi u li jikkollokaw il-ħaddiema lejn Stati Membri bi spejjeż tax-xogħol ogħla. Madankollu, tali tnaqqis huwa koerenti mal-għan tad-Direttiva 2018/957 li jinbidel il-bilanċ sottostanti tad-Direttiva 96/71, billi issa tenfasizza iktar il-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati, mingħajr ma tirrinunzja għall-għanijiet intiżi li jiżguraw kompetizzjoni leali bejn l-impriżi u li tiġi ffaċilitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi transnazzjonali.

C. It-tieni parti tal-ewwel motiv: ħaddiema kkollokati fit-tul

1. Argumenti

73. L-Artikolu 3(1a) l-ġdid jistabbilixxi l-kategorija tal-ħaddiema kkollokati fit-tul u jiddistingwiha minn dik tal-ħaddiema kkollokati "ordinarji": dawk tal-ewwel huma dawk li l-kollokament tagħhom jaqbeż it-12-il xahar (b'mod eċċezzjonali 18).

74. Skont il-Gvern Pollakk, l-istatus il-ġdid tal-ħaddiema kkollokati fit-tul joħloq restrizzjonijiet mhux iġġustifikati u sproporzjonati għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li jmorru kontra l-Artikolu 56 TFUE. Huwa jsostni, f'dan ir-rigward, li:

- Id-Direttiva 2018/957 tekwipara l-ħaddiema kkollokati fit-tul mal-ħaddiema lokali u mal-ħaddiema tal-Istati Membri l-oħra li eżerċitaw il-moviment liberu tal-ħaddiema skont l-Artikolu 45 TFUE.

- L-Artikolu 3(1a) l-ġdid jistabbilixxi skema applikabbli għall-ħaddiema kkollokati fit-tul li hija inkompatibbli mal-Artikolu 9 tar-Regolament Ruma I [29].

- Ir-regola l-ġdida tal-akkumulazzjoni tal-perijodi ta' kollokament (fir-rigward tal-kalkolu tat-terminu sabiex jingħata bidu għall-istatus ta' ħaddiem ikkollokat fit-tul) hija sproporzjonata.

2. Evalwazzjoni

75. Il-kategorija l-ġdida tal-ħaddiema kkollokati fit-tul hija differenti minn dik tal-ħaddiema kkollokati "ordinarji". Il-kriterju li jiddistingwi huwa d-durata effettiva tal-kollokament: jekk hija iktar minn 12-il xahar (b'mod eċċezzjonali 18), is-sitwazzjoni ta' ħaddiem ikkollokat ordinarju tinbidel f'dik ta' ħaddiem ikkollokat fit-tul.

28 Għalhekk, l-aħħar sentenza ta' din il-premessa tindika li r-remunerazzjonijiet għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, ta' akkomodazzjoni u ta' ikel, sakemm ma jikkorrispondux għal spejjeż effettivament sostnuti għall-kollokament, huma inklużi fir-remunerazzjoni tal-ħaddiem ikkollokat.

29 Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, u r-rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87).

76. Ladarba jiddekorri dan il-perijodu, il-ħaddiem ikkollokat (issa, fit-tul) igawdi minn skema legali differenti: minbarra l-kundizzjonijiet tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 3(1), ikunu japplikaw għalih il-kundizzjonijiet tal-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol.

77. Madankollu, kif jirriżulta mill-premessa 9 tagħha [30], id-Direttiva 2018/957 ma twassalx għal assimilazzjoni assoluta tal-ħaddiema kkollokati fit-tul mal-ħaddiema lokali (ċittadini nazzjonali jew minn Stati Membri oħra li eżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom).

78. Il-ħaddiema kkollokati fit-tul jibqgħu jżommu sitwazzjoni legali stabbilita (koperta) mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi, kif tindika l-premessa 10 tad-Direttiva 2018/957 [31].

79. Kuntrarjament għat-teżi sostnuta mill-Gvern Pollakk, l-Artikolu 3(1a) l-ġdid tad-Direttiva 96/71 ma jġibx lill-ħaddiema kkollokati fit-tul fuq l-istess livell ta' dawk lokali, peress li:

- Skont din id-dispożizzjoni, "[l]-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-kwistjonijiet li ġejjin: (a) il-proċeduri, il-formalitajiet u l-kondizzjonijiet tal-konklużjoni u t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg, inkluż klawżoli ta' nonkompetizzjoni; (b) skemi ta' pensjoni okkupazzjonali tal-irtirar supplementari".

- Skont l-Artikolu 3(1a), "it-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg kollha tal-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol" se japplikaw għall-ħaddiema kkollokati fit-tul, "irrispettivament minn liema liġi tapplika għar-relazzjonijiet tal-impjieg". Dan jimplika li, għal din il-kategorija ta' ħaddiema kkollokati, id-dritt internazzjonali privat li fuqu hija bbażata r-relazzjoni legali tagħhom ma huwiex emendat, kif jindika l-Parlament Ewropew fl-osservazzjonijiet tiegħu [32].

- L-ekwiparazzjoni tal-ħaddiema kkollokati fit-tul ma' dawk lokali sseħħ fir-rigward tat-"termini u l-kondizzjonijiet kollha tal-impjieg tal-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol". Għandhom jinftiehmu bħala tali "il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema", li huma rregolati mid-Direttiva 96/71, skont l-Artikolu 1(1) il-ġdid tagħha. Għaldaqstant, id-disparitajiet jinżammu f'oqsma bħalma huma s-sigurtà soċjali jew it-tassazzjoni.

80. Fil-fehma tiegħi, ir-regolamentazzjoni ta' din il-kategorija l-ġdida ta' ħaddiema kkollokati fit-tul hija ġġustifikata u tinvolvi restrizzjonijiet proporzjonati għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li huma kompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE.

30 "L-istazzjonar [il-kollokament] huwa ta' natura temporanja. Il-ħaddiema stazzjonati [kkollokati] normalment jirritornaw lejn l-Istat Membru li minnu ġew stazzjonati wara li jkunu lestew ix-xogħol li għalih kienu ġew stazzjonati. Madankollu, minħabba d-durata twila ta' xi stazzjonamenti [kollokamenti] u b'rikonoxximent tar-rabta bejn is-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti u l-ħaddiema stazzjonati għal tali perijodi twal, fejn l-istazzjonament idum għal perijodi itwal minn 12-il xahar jenħtieġ li l-Istati Membri ospitanti jiżguraw li impriżi li jistazzjonaw [jikkollokaw] ħaddiema fit-territorju tagħhom jiggarantixxu lil dawk il-ħaddiema sett addizzjonali ta' termini u kondizzjonijiet tal-impjieg li jkunu applikabbli b'mod obbligatorju għall-ħaddiema fl-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol. Dak il-perijodu jenħtieġ li jiġi estiż fejn il-fornitur tas-servizz jippreżenta notifika motivata".

31 "Huwa neċessarju li tiġi żgurata protezzjoni akbar tal-ħaddiema biex tkun salvagwardata l-libertà li jiġu pprovduti, kemm fil-perijodu qasir kif ukoll dak fit-tul, servizzi fuq bażi ġusta, b'mod partikolari billi jiġi evitat l-abbuż tad-drittijiet garantiti mit-Trattati. Madankollu, ir-regoli li jiżguraw tali protezzjoni għall-ħaddiema ma jistgħux jaffettwaw id-dritt ta' dawk impriżi li jistazzjonaw [jikkollokaw] ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li jinvokaw il-libertà li jipprovdu servizzi, inkluż f'każijiet fejn stazzjonament [kollokament] jaqbeż it-12-il xahar jew, fejn applikabbli, it-18-il xahar. Kwalunkwe dispożizzjoni applikabbli għal ħaddiema stazzjonati [kkollokati] fil-kuntest ta' stazzjonament li jaqbeż it-12-il xahar jew, fejn applikabbli, it-18-il xahar għandha b'ħekk tkun kompatibbli ma' dik il-libertà. Skont każistika stabbilita, restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi huma permissibbli biss jekk ikunu ġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku u jekk ikunu proporzjonati u neċessarji".

32 Il-Kummissjoni rrakkomandat il-bidla tas-sistema legali għall-kuntratt individwali ta' xogħol fil-każ ta' ħaddiema kkollokati fit-tul, billi rrakkomandat li jiġi applikat fil-konfront tagħhom id-dritt tax-xogħol tal-pajjiż ospitanti. Ara l-Artikolu 2a tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 128 final u l-analiżi tal-impatt SWD(2016) 52 final, p. 25.

81. L-istabbiliment ta' terminu ta' 12-il xahar (b'mod eċċezzjonali 18-il xahar) jelimina l-inċertezza li teżisti fil-verżjoni inizjali tad-Direttiva 96/71, li l-Artikolu 2(1) tagħha kien jikkunsidra lill-ħaddiem li kien iwettaq ix-xogħol tiegħu f'pajjiż li ma huwiex l-Istat ta' oriġini tiegħu "għall-perjodu limitat" bħala ħaddiem ikkollokat. Nistqarr li r-regola l-ġdida ċċarat din l-inċertezza billi ċċarat li ħaddiem ikun jitqies bħala ħaddiem ikkollokat fit-tul jekk ikompli l-kollokament tiegħu għal iktar minn 12-il xahar (jew 18-il xahar).

82. L-istatus ta' ħaddiem ikkollokat fit-tul jidhirli li huwa wkoll raġonevoli peress li jadatta ruħu għas-sitwazzjoni tal-ħaddiema li jirrisjedu fl-istat ospitanti għal perijodu twil, peress li l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol ta' dan l-Istat hija ikbar. Huwa loġiku (u proporzjonat) li, f'din is-sitwazzjoni, japplika għalihom numru ikbar ta' regoli tax-xogħol tal-Istat ta' destinazzjoni, filwaqt li tinżamm ir-rabta tagħhom mal-Istat ta' oriġini tal-impriża li timpjegahom.

83. Lanqas ma naqbel mal-opinjoni tal-Gvern Pollakk li l-iskema l-ġdida ta' ħaddiema kkollokati fit-tul hija inkompatibbli mal-Artikolu 9 tar-Regolament Ruma I.

84. Dan l-artikolu jirreferi għall-"applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet obbligatorji prevalenti tal-liġi tal-forum", iżda l-Artikolu 3(1a) l-ġdid tad-Direttiva 96/71 ma huwiex *liġi* ta' dan it-tip.

85. Ir-relazzjoni ta' din id-direttiva mar-Regolament Ruma I hija stabbilita fl-Artikoli 8 ("Kuntratti individwali ta' impjieg") u 23 ("Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħrajn tal-liġi Komunitarja") ta' dan tal-aħħar [33].

86. Fl-aħħar nett, il-Gvern Pollakk isostni li t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1a) l-ġdid tad-Direttiva 96/71 joħloq restrizzjoni sproporzjonata li hija inkompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE, peress li, għall-kalkolu tal-akkumulazzjoni ta' żmien, huwa jieħu inkunsiderazzjoni x-xogħol u mhux is-sitwazzjoni tal-ħaddiem. Barra minn hekk, huwa ma jiffissa ebda limitu *ratione temporis* sabiex isir il-kalkolu taż-żmien.

87. Kif isostnu l-Kunsill u l-Parlament Ewropew, u bħalma huwa ddikjarat fil-premessa 11 tad-Direttiva 2018/957, din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tipprevjeni l-evażjoni u l-abbuż tal-istatus ta' ħaddiem ikkollokat fit-tul. Li kieku kien mod ieħor, dan l-istatus ikun jista' jiġi evitat bis-sostituzzjoni ta' ħaddiema kkollokati minn oħrajn fl-istess xogħol.

88. Huwa minnu li, kif jafferma l-Gvern Pollakk, hemm ċerta impreċiżjoni fil-formulazzjoni tagħha, peress li ma jistabbilixxix limitu *ratione temporis* għat-twettiq tal-akkumulazzjoni tal-perijodi li matulhom il-ħaddiema kkollokati jeżerċitaw l-istess xogħol.

89. Madankollu, fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-Gvern Pollakk ma jurix li jeżistu alternattivi inqas restrittivi sabiex jiġi evitat l-aġir frawdolenti. Huwa jirreferi biss għall-fatt li l-miżuri ta' identifikazzjoni tal-kollokamenti reali u ta' prevenzjoni tal-abbuż u tal-evażjoni msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/67 [34] huma biżżejjed. Madankollu, dawn il-miżuri huma maħsuba iktar sabiex tiġi evitata l-frodi fil-kollokamenti uniċi milli fil-kollokamenti ta' ħaddiema tal-assemblaġġ sabiex jeżerċitaw l-istess xogħol.

90. Għalhekk nissuġġerixxi li l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

33 Ara l-konklużjonijiet C-620/18, punti 191 sa 200.

34 Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU 2014, L 159, p. 11).

VII. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 58(1) TFUE minħabba l-applikazzjoni tad-Direttiva 2018/957 għas-settur tat-trasport

91. Peress li l-argumenti ta' dan il-motiv huma simili għal dawk tal-Kawża C-620/18 [35], nirreferi għall-konklużjonijiet C-620/18, li skonthom dan għandu jiġi miċħud.

VIII. Konklużjoni

92. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

1) Tiċħad ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja fl-intier tiegħu.

2) Tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

3) Tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Gvern Franċiż, Ġermaniż, tal-Pajjiżi l-Baxxi u dak Svediż għall-ispejjeż rispettivi tagħhom.

35 Punti 172 sa 180.